**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD, L-IKEL U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

**POST TA' TRAINEE JUNIOR VETERINARY OFFICER/VETERINARY OFFICER FID-DIPARTIMENT GĦAR-REGOLAZZJONI VETERINARJA FIL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD, L-IKEL U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd, l-Ikel u Drittijiet tal-Annimali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Trainee Junior Veterinary Officer/Veterinary Officer fid-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja fil-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd, l-Ikel u Drittijiet tal-Annimali.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' Trainee Junior Veterinary Officer huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2021 huwa ta' €21,267 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €23,713 .

2.3 Is-salarju ta' Junior Veterinary Officer huwa ta' Skala ta' Salarju 9, li fis-sena 2021, huwa ta' €22,633 fis-sena, li jiżdied b'€447.63 fis-sena sa massimu ta' €25,317.

2.4 Persuna fil-grad ta' Junior Veterinary Officer tiġi promossa għall-grad ta' Veterinary Officer fi Skala 8 (€24,091 x €486.83 - €27,012 fis-sena 2021) wara sentejn (2) servizz fil-grad ta' Junior Veterinary Officer dejjem jekk ikollha l-Warrant biex tipprattika bħala Veterinary Surgeon u tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna magħżula li jkollha il-Warrant biex tipprattika bħala Veterinary Surgeon u li għandha mhux inqas minn sentejn (2) prattika professjonali wara il-kisba tal-Warrant, tinħatar Veterinary Officer fi skala 8 (€24,091 x €486.83 - €27,012 fis-sena 2021).

2.6 Persuna fil-grad ta' Veterinary Officer (Skala 8) titla' fi Skala 7 ( €25,656 x €531.17 - €28,843 fis-sena 2021) wara sitt (6) snin prattika professjonali wara il-kisba tal-Warrant, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, filwaqt li iż-żmien kwalifikanti ta' sitt (6) snin jitnaqqas għal erba' (4) snin fil-każ ta' Veterinary Officers li jkollhom kwalifika post-graduate fl-Livell 7 tal-MQF approvata u rikonoxxuta.

2.7 Il-persuna nominata fil-grad ta' Junior Veterinary Officer jew Veterinary Officer tkun intitolata għall-benefiċċji oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu imniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti skont il-Gvern ta' Malta u l-Unions kompetenti. Persuna fil-grad ta' Trainee Junior Officer, maħtura skont paragrafu 4.3, ma tkunx intitolata għall-kundizzjonijiet u benefiċċji li joħorġu mill-Ftehim dwar il-Klassi Veterinarja sakemm jinkiseb il-Warrant indikat f'4.1 (iii) u l-uffiċjal jinħatar Junior Veterinary Officer. F'każ li ma jinkisibx il-Warrant sat-30 ta' Ġunju 2022, il-kariga tintemm b'mod awtomatiku.

2.5 Applikazzjonijiet laterali fl-istess grad minn uffiċjali pubbliċi mhumiex aċċettabbli.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn ta' l-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.7 Dan il-post ġie identifikat għall-finijiet ta' subartikolu 5 tal-artikolu 4 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, kif ukoll għall-finijiet ta' Direttiva 14, għax jinvolvi funzjonijiet ta' spettorat. Il-kundizzjonijiet relevanti elenkati fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u f'Direttiva 14 japplikaw.

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Trainee Junior Veterinary Officer/ Veterinary Officer jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilta'**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu

i.
   a. ċittadini ta' Malta; **jew**
   b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**
   e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; **jew**
   f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża. Dawk il-kandidati li m'għandhomx MQF ta' Livell 1 fil-lingwa Maltija, jridu jattendu u jgħaddu b'suċċess fl-assessjar mil-kors 'Maltese Language 1' offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. L-attendenza għal dan il-kors, flimkien mil-kisba tal-MQF tal-Livell 1 għandhom jitlestew qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ;

    Jekk persuna tonqos milli tippreżenta evidenza li għaddiet il-kors b'suċċess u attendiet sal-aħħar tal-perjodu ta' prova (jigifieri tnax-il xahar mill-ingaġġ), awtomatikament tintilef il-kariga imsemmija hawn fuq.

iii. persuni gradwati li għandhom il-Warrant fil-mediċina veterinarja,

    Il-Warrant rikjest hawn fuq huwa skont kif definit fl-Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap 437).

**iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.**

4.2. Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilita', sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-krediti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti*, meħuda bħala parti minn programm

ta'studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibilita' ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 L-Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn persuni li jissodisfaw ir-rekwiżiti indikati f'4.1(i) u 4.1 (ii) u li kisbu formalment, jew ġew approvati għal-għoti ta' kwalifiki fil-mediċina veterinarja u l-kirurġija, kif rikonoxxuta mill-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji skont l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap.437), iżda li għad iridu jiksbu l-Warrant biex jipprattikaw bħala Kirurgu Veterinarju. Jekk jintagħażlu dawn il-kanditati jinħatru Junior Veterinary Officer, sakemm jiksbu l-imsemmi Warrant. Malli jinkiseb il-Warrant, persuna fil-grad ta' Trainee Junior Veterinary Officer, tinħata Junior Veterinary Officer. In-nuqqas li jinkiseb il-Warrant sabiex pesuna tiprattika ta' Kirurgu Veterinarju sat-30 ta' Ġunju, 2022 iwassal għal tmiem tal-ħatra ta' traineeship.

4.4. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbilta' għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika ghaliha (applikanti li diġa' qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorita' oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.6. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija mija fil-mija (100%) u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ħamsin fil-mija (50%).

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 - 4.6, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd, l-Ikel u Drittijiet tal-Annimali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat / Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format pdf, li għandhom ikunu mibgħuta permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **17:15 (Ħin**

**Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Frar, 2021.** Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf jew jinkisbu mill-Assistent Direttur (People Management), Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, ir-Razzett tal-Gvern, Triq l-Ingiered, Għammieri, Marsa MRS 3303. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma http://agrikoltura.gov.mt u humanresources.mafa@gov.mt.